MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1268/2000/1

**Sharon Lanzon f'isimha proprju u ghan-nom tal-minuri Jessica u Shaun, ahwa Attard**

**vs**

**Francis Attard**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 20 ta' Gunju 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti fl-att tan-Nutar Mary Cutajar datat 2 ta' Novembru 1995. Li kopja tieghu qed jigi anness u mmarkat Dokument "A", l-istess partijiet ftehmu illi l-kura u kustodja ta' l-ulied minuri Jessica u Shaun jigu affidati lill-attrici filwaqt illi l-konvenut kellu jkollu access ghall-imsemmija minuri fil-*weekends* u

dana kif ahjar imfisser fil-klawsola numru erbgha (4) ta' l-istess kuntratt.

Illi l-konvenut naqas ghal 'il fuq minn sena milli jottempera ruhu ma' dak miftiehem fl-imsemmi kuntratt.

Illi sussegwentement permezz ta' digriet tas-6 ta' Frar 1997 mahrug mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "B", il-Qorti kienet ordnat illi l-konvenut kellu jkollu access ghall-minuri Jessica u Shaun fil-*weekends* kif stipulat fl-imsemmi digriet b'dan pero' illi kien gie nominat il-*Psikologu Martin Micallef* biex jinvestiga l-kaz u dana minhabba l-problemi psikologici li kienet ghaddejja minnhom il-minuri Jessica fil-konfront tar-relazzjoni taghha ma' missierha Frans Attard.

Illi sussegwentement l-imsemmi psikologu kien gie sostitwit bis-*social worker* Raymond Dimech *stante* illi l-istess psikologu ma kienx espleta l-inkarigu moghti lilu ghalkemm ghadda certu zmien konsiderevoli.

Illi b'digriet iehor tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 24 ta' Gunju 1999, il-Qorti kienet issospendiet l-effetti tad-digriet taghha tas-6 ta' Frar 1997 u addottat bis-shih ir-rakkomandazzjonijiet tas-*social worker* Raymond Dimech fis-sens illi qabel ma jerga' jigi ezercitat l-access mill-missier favur uliedu kellha ssir terapija biex l-istess minuri jergghu jibnu relazzjoni ma' missierhom. Illi kopja ta' dan id-digriet qed tigi annessa u mmarkata Dokument "C".

Illi kwazi sena wara meta din it-terapija kienet ser tinbeda, l-attrici kienet giet infurmata illi l-istess Raymond Dimech kien ghadda l-kaz taghha lil haddiehor u meta oggezzjonat ghal dan il-fatt, l-istess espert ipprezenta rapport fejn huwa allega illi l-attrici ma kenitx qed tikkopera, liema rapport qed jigi anness u mmarkat Dokument "D".

Illi abbazi ta' dan ir-rapport ibbazat fuq allegazzjonijiet ghal kollox infondati, is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, b'digriet iehor datat 13 ta' Gunju 2000, li qed jigi hawn

anness u mmarkat Dokument "E", dik l-Onorabbli Qorti ordnat illi jinbeda access gewwa c-Centru Hidma Socjali, b'supervizjoni ta' *social workers* u dan ghal siegha, darba fil-gimgha fix-xahar ta' Lulju, darbtejn fil-gimgha fix-xahar t'Awissu u tliet darbiet fil-gimgha fix-xahar ta' Settembru.

Illi l-access kif degretat certament aktar sejjer izid il-problemi psikologici li bhalissa ghaddejja minnhom il-minuri Jessica u li ilha ghaddejja minnhom ghal zmien twil. Illi ghalhekk l-istess access kif degretat certament ma huwiex fl-ahjar interess ta' l-istess minuri, kemm ta' Jessica kif ukoll ta' Shaun. Illi l-ulied minuri ghandhom bzonn l-assistenza ta' persuni aktar ikkwalifikati biex jghinuhom jissuperaw il-problemi psikologici li ghaddejjin minnhom.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tirrevoka d-digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 2000 u dana peress illi l-istess ma huwiex fl-ahjar interess tal-minuri kif hawn fuq indikat.

2. Tistabbilixxi granet u hin ta' access ghall-ulied minuri Jessica u Shaun favur il-konvenut Frans Attard fl-ahjar interess ta' l-istess minuri u dana anke permezz ta' esperti nominandi li jistabbilixxu kif dan jista' jigi ezercitat fl-ahjar interess tal-minuri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt biex jixhed in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 29 tal-process;

Rat in-nota ta' l-attrici datata 26 ta' Gunju 2000 li permezz taghha esebiet zewg certifikati medici tal-minuri.

Rat ir-rikorsi ta' l-attrici datat 20 ta' Gunju 2000 fejn talbet li jigu sospizi l-effetti tad-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti

Civili; tat-13 ta’ Gunju 2000 u tigi appuntata l-kawza b’urgenza fl-ahjar interess taz-zewg minuri Jessica u Shaun.

Rat ir-risposta tal-konvenut tat-13 ta’ Lulju 2000.

Rat in-nota ta’ l-attrici tas-27 ta’ Lulju 2000 li maghha anke esebiet ittra tac-Child Psychologist Bernard Caruana.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti ta’ l-4 t’Awissu 2000 fejn appuntat il-kawza ghas-smiegh.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-23 t’Awissu 2000 a fol. 49 u 50 fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament il-mertu tal-kawza hu ezawrit *stante* ftehim milhuq bejn il-partijiet u l-Agent Direttur tac-Centru Hidma Socjali li kopja tieghu hi hawn annessa Dok. “A”.

2. Illi *inoltre* t-talbiet attrici huma frivoli u vessatorji u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u bl-applikazzjoni tal-penalitajiet komminati bil-Ligi *stante* li d-digriet li tieghu qed tintalab ir-revoka jirrapprezenta snin ta’ nvestigazzjoni mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili;

3. Illi *inoltre*, it-talba hija wkoll vessatorja u ghandha tigi michuda peress li l-attrici kienet kisret il-ftehim tal-kontendenti dwar access skond il-kuntratt ta’ separazzjoni bonarja, u bil-prezenti qed tippretendi li dan il-ksur jigi ratifikat mill-Qrati, meta l-principji legali jimmilitaw kontra l-genitur li jiehu l-Ligi f’idejh jikkoncernaw il-minuri;

4. Illi fil-mertu d-digriet ghandu jigi kkonfermat *stante* li hu fl-interess tal-minuri li huma jibnu relazzjoni shiha ma’ missierhom il-konvenut, u ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

5. Illi l-eccipjent ghandu jigi akkordat access liberu fi granet u hinijiet ampji li jinkludu wkoll l-irqad fid-dar residenza tieghu.

6. Illi l-esperti nominati bid-digriet tas-Sekond’ Awla fuq premess ghadhom kemm jibdew il-hidma taghhom u hu prematur biex wiehed jitlob in-nomina ta’ esperti ohrajn li jistghu jikkagunaw aktar konfuzjoni f’mohh it-tfal. Illi ghalhekk, in-nomina ta’ esperti ohra f’dan l-istadju ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-attrici u b’riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-eccipjent biex jitlob kura u kustodja ta’ l-ulied fl-ahjar interess taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 50 sa 55 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut datata 23 t’Awissu 2000 in risposta ghal dik ta’ l-attrici tas-27 ta’ Lulju 2000.

Rat il-verbal tas-6 t’Ottubru 2000 fejn inghata differiment sabiex il-Qorti tisma’ lil Marthese Schiavone u Anthony Mifsud. Gie ffissat access ta’ darba fil-gimgha kull nhar ta’ Sibt fic-Centru Hidma Socjali mill-11:00 a.m. sa nofsinhar.

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-23 t’Awissu 2000 fejn in vista ta’ ftehim milhuq bejn il-partijiet dwar l-access ghall-minuri, talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tar-rikors ta’ l-attrici rigward revoka tad-Digriet moghti mis-Sekond’ Awla fuq l-istess access ghal uliedhom minuri.

Rat ir-risposta ta’ l-attrici ta’ l-20 ta’ Settembru 2000, u d-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 20 t’Ottubru 2000 fejn il-Qorti ordnat li l-imsemmi rikors jinstema’ fid-9 ta’ Jannar 2001 ma’ iehor fl-istess mertu.

Rat il-verbal tas-17 t’Ottubru 2000 fejn xehed Anthony Mifsud, u l-Qorti nnominat lil Louise Xerri bhala Espert Psikologu a spejjez provizorjament attrici. Il-Qorti ordnat ukoll a spejjez tal-konvenut issir l-allegazzjoni ta’ l-atti tas-Sekond’ Awla li m’humiex gja’ fl-atti processwali. Gie nominat Dr. Beppe Fenech Adami bhala Assistent Gudizzjarju biex jigbor il-provi fil-kawza.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 27 t’Ottubru 2000 fejn talbet li l-Qorti tisma’ lill-minuri *pendente lite*.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 21 ta’ Novembru 2000.

Rat il-verbali tas-seduti tad-9 ta’ Jannar 2001 fejn gie pprezentat ir-rapport ta’ l-Espert Louise Xerri. B’referenza ghar-rikors ta’ l-attrici tas-17 t’Ottubru 2000 il-Qorti peress li dehret biss l-attrici u d-difensur taghha, wara li semghet x’kellhom xi jghidulha dawn it-tnejn, issospendiet l-access ghall-minuri sakemm jigi ezaminat ir-rapport ta’ l-espert, u anke sabiex il-Qorti tilhaq tisma’ lill-istess minuri; u tat-2 ta’ Frar 2001 fejn l-Espert Louise Xerri halfet ir-rapport. Il-Qorti kellmet lit-tfal fil-prezenza ta’ l-istess espert fis-sigrieta. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghar-rapport peritali. Ir-rikors giet diferit ghal digriet kamerali.

Rat in-nota tal-konvenut datata 2 ta’ Frar 2001 li biha esebixxa erbatax-il ritratt flimkien ma’ kopja ta’ risposta, u dik tat-18 t’April 2001 li permezz taghha rtira t-talba ghall-allegazzjoni ta’ l-atti relattivi tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili.

Rat id-digriet kamerali tal-Qorti diversament presjeduta tat-2 ta’ Mejju 2001 ghar-rikors ta’ l-20 ta’ Gunju 2000 fejn temporanjament issospendiet l-effetti tad-digriet tas-Sekond’ Awla b’dan li l-access jigi ezercitat darba biss fix-xahar taht supervizjoni fic-Centru Hidma Socjali u dan biex jigu rispettati x-xewqat tal-minuri.

Rat in-nota ta’ l-attrici tal-11 ta’ Gunju 2001.

Rat il-verbali tal-14 ta’ Gunju 2001 fejn gie deciz li ghandha tinghata decizjoni kamerali ohra dwar l-access wara li d-difensur tal-konvenut wiegeb ghan-nota ta’ l-attrici; u tal-20 ta’ Novembru 2001.

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-20 ta’ Frar 2002 fejn ghal darb’ ohra talab varjazzjoni fl-access ghall-minuri.

Rat ir-risposta attrici tas-26 ta’ Marzu 2002.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-28 ta’ Marzu 2002 fejn ordnat li dawn l-atti jigu komunikati lis-*social worker* li ghandha tindika l-hinijiet attwali ta’ l-access.

Rat il-verbal tal-15 t’April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.

Rat in-nota tas-*social worker* Norbert Cilia fi hdan l-Agenzija Appogg datata 16 t’April li permezz taghha esebixxa rapport.

Rat in-nota tal-konvenut tat-30 t’April 2002 li biha espona l-fatti fil-qosor.

Rat il-verbali tas-seduti tal-15 t’Ottubru 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit ta’ l-attrici b’terminu ta’ (30) gurnata u iehor lill-konvenut b’terminu ta’ erbghin (40) gurnata; tal-14 ta’ Novembru 2002 fejn Dr. Roberta Attard ipprezentat u halfet ir-rapport (kienet nominat fl-M2 fit-22 ta’ Lulju 2002). Il-Qorti mmultat lill-attrici Lm50 ghal disprezz lejn l-Awtorita’.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datata 20 ta’ Novembru 2002 fejn filwaqt li skuzat ruhha ghall-imgieba taghha, talbet li jigi revokat *contrario imperio* d-digriet precedenti fejn giet immultata Lm50 ghal disprezz, liema talba giet milqugha mill-Qorti b’digriet tal-21 ta’ Novembru 2002.

Rat ir-rikors l-iehor ta’ l-attrici tal-20 ta’ Novembru 2002 fejn talbet li l-Qorti tisma’ x-xhieda tal-minuri Jessica u Shaun, liema talba wkoll giet milqugha mill-Qorti li b’digriet tal-21 ta’ Novembru 2002 ordnat li l-istess minuri jingiebu l-Qorti fil-11 ta’ Dicembru 2002.

Rat il-verbal tal-11 ta’ Dicembru 2002 fejn xehdet in eskussjoni Dr. Roberta Attard. Fuq talba ta’ Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-konvenut, il-Qorti b’digriet tat-23 ta’ Dicembru 2002 – wara li anke rat in-nota ta’ l-attrici tas-17 ta’ Dicembru 2002 – ordnat li ghall-gimgha tal-Milied u ta’ l-Ewwel tas-Sena jinzamm access fic-Centru Hidma

Socjali fis-26 ta' Dicembru 2002 u fl-1 ta' Jannar 2003 ghal siegha wahda taht is-supervizjoni ta' *social worker*.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 2 ta' Jannar 2003 fejn talbet li tinghata l-fakulta' li ttella' lill-minuri Jessica u Shaun biex jixhdu *viva voce*, kif ukoll tressaq bhala xhud lil Fleur Bianco.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-3 ta' Jannar 2003 fejn laqghet it-talba attrici.

Rat in-nota ta' l-attrici tat-8 ta' Jannar 2003 li permezz taghha esebiet erba' affidavits, cjoe' dak taghha, ta' Saviour Balzan, ta' John Lanzon, u ta' Marlene Lanzon.

Rat il-verbal tat-30 ta' Jannar 2003 fejn xehdu Dr. Roberta Attard u s-*social worker* Fleur Bianco. Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-konvenut tat ruhha b'notifikata bl-affidavits attrici. Dr. Edwina Grima ghall-attrici ddikjarat li salv ghas-smiegh tal-minuri mill-Qorti m'ghandhiex provi aktar. Il-Qorti nnominat lil Dr. Angela Abela biex tibda kors terapija fuq l-istess minuri a spejjez attrici sabiex tirrapporta l-effetti ta' l-istess fi zmien tletin gurnata. Inghata digriet affidavit tal-konvenut b'terminu ta' sittin (60) gurnata. Il-Qorti kellmet lill-minuri ghall-hin twil.

Rat in-nota ta' Dr. Angela Abela datata 17 ta' Frar 2003, u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-24 ta' Frar 2003, fejn fuq talba ta' l-istess issostitwiet lil Dr. Angela Abela b'Dr. Carmen Sammut bl-istess inkarigu filwaqt li pprefiggiet hamsin gurnata sabiex issir tali terapija.

Rat il-verbal tal-25 ta' Frar 2003.

Rat ir-rikors b'urgenza tal-konvenut (1268/00 M2) tal-4 ta' Settembru 2001 fejn talab li l-minuri jibdew jingabru mir-residenza ta' l-attrici mis-*social worker* inkarigat sabiex l-access ikun jista' jsir, kif ukoll tinghata ordni lil Mrs. Monica Xuereb sabiex tibda l-*counselling sessions* taghha u tirrapporta lil din il-Qorti sas-seduta li jmiss, u dan skond id-digriet ta' din l-istess Qorti tat-2 ta' Mejju 2001.

Rat is-seduti mizmuma ghas-smiegh tal-provi f'dan ir-rikors;

Rat id-digriet kamerali li nghata fuq l-istess fit-23 t'April 2003, fejn wara li rat ir-rapport aktar 'il fuq imsemmi, ta' Dr. Roberta Attard (li ssostitwiet lil Dr. Monica Xuereb) laqghet it-talba tal-konvenut biss fis-sens li fl-ewwel lok ikkonfermat in-nomina ta' Dr. Carmen Sammut biex izzomm sezzjonijiet ta' *family therapy* bl-iskop li tghin liz-zewg minuri b'dan li l-partijiet jattendu ghall-laqghat kollha taht sanzjoni ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti. Fit-tieni lok ordnat li jsir l-access taht supervizjoni tal-minuri mal-konvenut kif indikat mill-esperta nominata, b'dan li ma tkunx prezenti l-attrici. L-istess esperta giet ordnata li tipprezenta r-rapport taghha f'kaz li xi parti ma tikkoperax mad-direttivi moghtija.

Rat il-verbali tas-7 ta' Mejju 2003 u tat-12 ta' Gunju 2003.

Rat in-nota datata 9 ta' Lulju 2003 fejn esebixxa l-affidavits tieghu, u ta' Alexandra Attard.

Rat il-verbali tad-19 ta' Novembru 2003 fejn Dr. Carmen Sammut halfet ir-rapport u tat-3 ta' Dicembru 2003.

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-15 ta' Dicembru 2003 fejn talab li jinghata access f'Jum il-Milied bejn il-5:00 p.m u s-6:00 p.m., liema talba giet milqugha mill-Qorti b'digriet tas-16 ta' Dicembru 2003.

Rat il-verbali tad-29 ta' Jannar 2004 fejn xehdet Carmen Sammut; tal-11 ta' Marzu 2004 fejn id-difensuri taw is-suggerimenti taghhom dwar l-access *on tape.* In vista tal-qbil milhuq il-Qorti tordna lill-Head Mistress ta' Immaculate Conception, Tarxien u l-iskola St. Frances sabiex jaghtu l-informazzjoni dwar il-progress tal-minuri kemm lill-omm u anke lill-missier. Dr. Edwina Grima ghall-attrici ssottomettiet li r-rapport pendenti ta' Dr. Monica Xuereb li ghadu mhux mahluf ghandu jigi sfilzat peress li l-istess espert giet sostitwita. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2004.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-2 ta' Gunju 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba ghall-isfilz peress li l-inkarigu ta' l-espert kien revokat u r-rapport qatt ma kien ghadu dahal fl-atti tal-process.

Illi din il-Qorti dwar ir-rapport ta' Dr. Monica Xuereb, l-istess ghandu jigi sfilzat, u in verita' qatt ma dahal fl-atti ta' din il-kawza, *stante* li l-inkarigu ta' l-istess esperta kien gie revokat, u minflok gew nominati esperti ohra.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi fi-kuntratt ta' seperazzjoni datat 2 ta' Novembru 1995 bejn il-partijiet huma kienu ftehmu s-segwenti fuq l-istess minuri:-

*"Il-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Jessica u Shaun tigi affidata lill-komparenti Carmen sive Sharon Attard b'dan li l-parti l-ohra jkollha access ghat-tfal fil-weekends. Il-hinijiet tal-access fl-imsemmija granet isir fil-mod segwenti: a) Meta jkun bir-rest: Is-sibt il-komparenti jigbor it-tfal minuri fis-siegha ta' wara nofsinhar (1:00 p.m.) u jirritornahom fis-sitta ta' fil-ghaxija (6:00 p.m.) il-Hadd; (b) meta jkun day shift: is-Sibt il-komparenti Francis Attard jigbor lit-tfal minuri fis-seba' ta' fil-ghaxja (7:00 p.m.) u jirritornahom il-Hadd fl-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00.p.m.); (c) meta jkun is-Sibt fil-ghaxija xoghol, Francis Attard ghandu jigbor it-tfal minuri l-Hadd fil-ghodu fid-9:00 a.m. u jirritornahom fis-sitta ta' fil-ghaxija (6:00 p.m.). Dan il-ftehim jibqa' jsehh sakemm il-komparenti Francis Attard jibqa' fl-impjieg attwali tieghu. Altrimenti l-access jigi ffissat bi ftehim bejn il-partijiet."*

Illi wara rikors tal-konvenut datat 16 ta' Jannar 1997 fejn l-konvenut allega li kien ilu ma jara lill-minuri Jessica ta' sitt snin u lil Shaun ta' erba' snin minn Ottubru 1997, u li l-attrici kienet qed tikkoabita ma' terza persuna u hija tqila minnu, is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili b'digriet datat 6 ta'

Frar 1997 laqghet l-istess talba ghall-access tal-minuri kif proposta b’dan li inkarigat lill-Psikologu Martin Micallef sabiex jezamina l-kaz u jirrelata dwar l-access kif stipulat fil-kuntratt ta’ separazzjoni.

Illi dan Martin Micallef jidher li ma ghamel xejn u l-inkarigu tieghu gie moghti lis-*social worker* Raymond Dimech li b’rapport tieghu datat 19 ta’ Mejju 2000, fejn qal li l-konvenut kien lest li jaddotta r-rakkomandazzjonijiet tieghu kollha filwaqt li l-*“Sharon Lanzon giet ghall-appuntament akkumpanjata minn missierha, is-Sur John P. Lanzon u fejn oggezzjonat illi jibda l-access ta’ uliedha ma’ Frans Attard. Sharon Lanzon bdiet tallega illi l-esponent kien qed jaqlaghlha l-inkwiet u jharbtilha t-trankwillita’ ta’ hajjitha u ta’ wliedha. Minhabba f’hekk issejjah is-Sur Joseph Scerri bhala xhud ta’ l-informzzjoni mghoddija mill-esponent lil Sharon Lanzon u l-oggezzjoni ta’ l-istess Lanzon. Minhabba l-insistenza ta’ l-esponent illi jigi segwit id-digriet Sharon Lanzon accettat kontra qalbha illi jsir ‘referral’ lill-psikologa sabiex jkun jista’ jibda l-process kif mitlub mill-Qorti.”*

Illi mill-istess rapport jirrizulta li permezz ta’ ittra datata 23 ta’ Marzu 2000 mill-Avukat Dr. Lorraine Schembri Orland, l-istess *social worker* kien informat li sadanittant il-konvenut kien ghadu qed jigi mpedut li jara lill-istess minuri.

Illi jidher li l-istess Sharon Lanzon ma’ attendietx ghall-appuntament datat 6 ta’ April 2000 mal-psikologa Dr. Annabelle Borg, u lanqas zammet l-appuntament tat-8 ta’ Mejju 2000 u baqghet toggezzjona li jsir access ta’ l-istess ulied mal-konvenut, u dan is-*social worker* Raymond Dimech ikkonkluda fid-19 ta’ Mejju 2000 *“li ha dawk il-passi mehtiega sabiex jigi esegwit id-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti minghajr rizultat pozittiv, qed isegwi l-inkarigu lilu moghti billi jghaddi din l-informazzjoni migbura.”*

Illi wara rikorsi tal-konvenut datati 28 ta’ Gunju 1999 u 28 ta’ Marzu 2000 b’digriet iehor tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili datat 13 ta’ Gunju 2000 mill-Onorevoli Imhallef

Joseph David Camilleri gie degretat fit-13 ta' Gunju 2000 digriet iehor fejn wara li l-Qorti qalet li *"Sharon Lanzon irnexxielha, sal-lum, tifrastorna kompletement l-effetti tad-digrieti moghtija minn din il-Qorti fis-6 ta' Frar 1997 u fl-24 ta' Gunju 1999. Tant huwa hekk li l-access ordnat li jsir bl-ewwel imsemmi digriet baqa' qatt ma sar, kif lanqas gew attwati l-provvedimenti tat-tieni digriet fejn gew adottati r-rakkomandazzjonijiet tas-social worker fuq imsemmi. L-atteggjament ostruzzjonista, jekk mhux sfidanti ta' Sharon Lanzon johrog car mir-rapport tad-19 ta' Mejju 2000 tas-Sur Raymond Dimech."*

Illi l-istess Qorti kompliet li:-

*"Il-preokkupazzjoni principali ta' din il-Qorti hija li dana l-operat totalment negattiv ta' Sharon Lanzon mhux biss kien ta' pregudizzju ghad-drittijiet tal-missier, Frans Attard izda aktarx ikkawza hsara, forsi rreparabbli fl-izvilupp normali tal-minuri Jessica u Shaun. Sharon Lanzon involviet lil dawn iz-zewgt itfal zghar, bi shih, fil-litegija li ghandha ma' Frans Attard. Hi irnexxielha tindottrinahom kontrih u tant antagonizzatahom li l-imsemmija wliedu ma jirrikonoxxuhx bhala missierhom. Minflok huma saru jirrikonoxxu bhala missierhom lill-partner ta' Sharon Lanzon, cjoe' Saviour Balzan."*

*"Din il-Qorti ma tistax ma tikkondividix jew ma tikkundannax dan l-atteggjament ta' Sharon Lanzon, billi tqisu zbaljat u ta' hsara ghall-welfare u l-izvilupp normali tal-minuri Jessica u Sharon Attard. Din il-Qorti tista' tkompli tespandi fuq dana l-aspett, izda ghall-fini ta' dan id-digriet, thoss li huwa opprtun tieqaf hawn."*

*"Ghal dawn il-motivi u fic-cirkostanzi attwali:-*

*1. Tirrevoka 'contrario imperio d-digriet tal-24 ta' Gunju 1999, in kwantu din il-Qorti kienet adottat ir-rakkomandazzjonijiet tas-social worker is-Sur Raymond Dimech, in vista li Sharon Lanzon fixklet it-thaddim ta' l-istess rakkomandazzjonijiet u b'hekk ippregudikat id-drittjiet tal-minuri msemmija kif ukoll dawk ta' Francis Attard."*

*2. Tordna li Frans Attard ikollu access ghal uliedu matul ix-xhur tas-sajf 2000 fic-Centru Hidma Socjali Santa Venera taht supervizjoni ta' social worker kif ser jinghad:-*

*(a) Matul ix-xahar ta' Lulju darba fil-gimgha, ghal siegha u nofs kull darba;*

*(b) Matul ix-xahar ta' Awissu darbtejn fil-gimgha, ghal siegha u nofs kull darba.*

*(c) Matul ix-xahar ta' Settembru tliet darbiet fil-gimgha, ghal siegha u nofs kull darba.*

*3. Id-Direttur ta' l-istess Centru ghandu jistabbilixxi l-modalitajiet l-ohra kollha tal-access ordnat minn din il-Qorti, wara li okkorrendo jisma' l-partijiet. Huwa ghandu wkoll jivverbalizza l-istess modalitajiet f'ittra lill-partijiet li ghandha tigi esebita f'dawn l-atti biex tifforma parti ntegrali minn dan id-digriet.*

*4. L-istess Direttur ghandu jinnomina social worker, possibbilment l-istess wiehed, sabiex jissorvelja l-imsemmi access u sabiex jikkontribwixxi ghall-bini mill-gdid ta' relazzjoni sana bejn il-missier u wliedu. Dan is-social worker ghandu jirrelata mill-gdid f'Settembru (jew anke qabel jekk ihoss il-bzonn) lil din il-Qorti dwar l-andament ta' l-access u jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet dwar access aktar ampju, fid-dawl ta' dak li gie stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni personali tat-2 ta' Novembru 1995.*

*4. Jekk Sharon Lanzon tonqos li tottempera ruhu ezattament ma' dana d-digriet, l-imsemmi Direttur huwa, minn issa awtorizzat li jkollu l-assistenza tal-Marixxali ta' din il-Qorti, kif ukoll tal-Pulizija Ezekuttiva sabiex jassikura li l-minuri jingiebu ghall-access ordnat u sabiex l-istess access jigi terminat skond kif dirett f'dana d-digriet. F'din l-eventwalita' tibqa' miftuha l-possibbilta' ta' l-azzjoni kriminali spettanti lil Frans Attard – apparti l-konsegwenzi kollha l-ohra, fosthom il-possibbilta' reali li Sharon Lanzon titlef l-affidament tal-kura u kustodja tal-minuri."*

*5. Tordna lil Frans Attard li mmedjetament jinnotifika kopja ta' dan id-digriet lid-Direttur tal-Harsien tal-Familja, sabiex huwa jkun jista', bla dewmien, jottempera ruhu ma' dan id-digriet u b'hekk jassigura li dak kollu ordnat mill-Qorti, fl-ahjar interess tal-minuri, jigi effettivament implimentat."*

Illi jidher li l-attrici ma qablitx ma' dan id-digriet tant li fl-20 ta' Gunju 2000 ipprezentat citazzjoni sabiex jigi revokat l-istess imsemmi digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta' Gunju 2000 fejn allegat li l-access kif ordnat mill-istess Qorti tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kien ser jeffettwa psikologikament hazin lill-minuri Jessica u Shaun u ghalhekk talbet li jigi revokat sabiex il-Qorti tistabbilixxi access anke wara li ssir il-hatra ta' persuni nominandi.

Illi in verita' dak li ghamlet l-attrici f'din il-kawza, fejn dejjem agixxiet f'isem l-istess minuri, kien li ma hallietx lill-istess Qorti tas-Sekond' Awla Civili, presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri, liema Qorti kienet ilha tliet snin tipprova ssib rimedju ghall-kaz, specjalment ghall-komportament ta' l-attrici, li tkun tista' takkorda access dicenti lill-missier ghal uliedu, wara li jidher li l-istess attrici, ostakolat l-istess access b'kull mod.

Illi din il-Qorti tinnota li d-digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kien wiehed studjat, maghmul fl-interess tal-minuri, u bl-ghajnuna ta' *social worker* Raymond Dimech, li hadem fuq il-kaz, minkejja t-tfixkil lampanti ta' l-istess attrici, kif jidher mir-rapport ta' l-istess *social worker,* tant li l-istess attrici rnexxielha li timpedixxi li jinbeda l-access mill-missier ghal uliedu minkejja d-digriet ghall-istess access datat 6 ta' Frar 1997. L-opportunita' li l-istess Sekond' Awla tal-Qorti Civili li tkompli ssegwi l-andament ta' l-istruzzjonijiet taghha fit-tentattiv sabiex l-istess minuri jkollhom access xieraq ghal missierhom kien stronkat bl-azzjoni pprezentata mill-attrici u jidher car li l-istess attrici abbuzat mill-proceduri tal-Qorti, billi bidlet il-forom tal-litigju taghha minn Qorti ghal ohra, b'dan li l-istess attrici b'din il-kawza qed tattakka d-digriet stess ta' l-istess Qorti li kienet qed tagixxi fl-interess tal-istess minuri.

Illi l-istess attrici ma waqfitx hawn izda fid-data tal-prezentat rikors datat ukoll 20 ta’ Gunju sabiex l-istess digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili moghti mill-imsemmi Onorervoli Imhallef Joseph David Camilleri, li tant iddedika hin fuq il-kaz, u li kien ilu jsegwi l-kaz ghal erba’ snin, ma jibqax *in vigore*. B’risposta tal-konvenut datata 13 ta’ Lulju 2000 dan oppona ghal dan l-agir ta’ l-attrici anke in vista tal-fatt li l-attrici baqghet tohloq ostakoli sabiex l-istess minuri ma jarawx lil missierhom, kif kienet wara kollox irrelevat b’mod mill-iktar enfatiku l-istess Qorti tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili.

Illi b’nota tas-27 ta’ Lulju 2000 l-attrici cahdet dan kollu u qalet li hija biss intenzjonata sabiex tghin lill-minuri, izda min-nota taghha jidher li ghalkemm l-istess kaz kien *sub judice* hija minn jeddha hadet lill-istess tfal ghand psikologista Bernard Caruana, u wkoll li waqt is-suppost access ordnat, hija tghid li t-tfal lanqas tnizzlu mill-karozza sabiex imorru ghall-post ta’ l-access. Hija ziedet tghid li dan sar wara riluttanza mill-minuri u fuq struzzjonijiet tas-*social worker.*

Illi minkejja dan jidher li fis-26 ta’ Lulju 2000 il-partijiet, *tramite* s-*social worker* Ray Dimech u Assistent Direttur tal-Harsien tal-Familja lahqu ftehim ta’ kif kellu jsir l-access u dan permezz ta’ laqgha wahda fix-xahar ta’ Lulju ghal siegha u nofs, f’Awissu kull nhar ta’ Tnejn u Gimgha ghal siegha u nofs kull darba, b’dan li f’Awissu kellha ssir laqgha sabiex jigu rrangati jew modifikati l-istess granet u hinijiet, liema access kellu jsir fic-Centru Hidma Socjali taht supervizjoni ta’ *social worker* u *verso* kundizzjonijiet ohra ndikati fl-istess digriet, li kopja tieghu tinsab esebita a fol. 54 u 55 tal-process bhala Dok. “A”. Dan il-ftehim sar konsegwenza tad-digriet tat-13 ta’ Gunju 2000, u allura kontra dak li qed tghid l-attrici fic-citazzjoni odjerna, in ottemperanza ta’ l-istess Digriet li hija stess f’din il-kawza qed tattakka.

Illi l-istess Anthony Mifsud xehed quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel

Arrigo fis-17 ta' Ottubru 2000, u sostna li ftehim milhuq bejn il-partijiet thaddem ghall-ewwel tliet gimghat, izda mbaghad bdew il-problemi peress li l-minuri baqghu lura u bdew juru reluttanza li jarawh, tant li ghall-ewwel bdew imorru fil-kamra apposta mhejjija ghall-access, izda wara baqghu fil-karozza ma' missier ommhom jew mal-mara tan-nannu (fol. 89) u lanqas biss kienu jnizzlu l-hgiega tal-karozza. Dan rah l-istess xhud b'ghajnejh u sar suggeriment minn missier l-attrici li l-access issir fil-*weekend* ghall-perjodu minn Ottubru anke ghaliex tibda l-iskola. L-attrici pero' ghal darba ohra opponiet ghal dan kollu kif jidher mix-xhieda ta' l-istess Anthony Mifusd a fol. 87 tal-process. Fil-fatt jghid *"Sharon ma qablitx b'mod qawwi hafna."* Fil-fatt l-istess xhud jghid li *"gejt akkuzat li kont qed nikkonfoffa favur Frans."* Dan sar mill-attrici u minn missierha. Dan tirrileva din il-Qorti meta mhux biss l-istess xhud kien qed josserva d-digriet tas-Sekond' Awla, izda wkoll il-ftehim li ghamlu bejniethom il-partijiet fis-26 ta' Lulju 2000.

Illi sadanittant u mill-bidu tal-proceduri quddiem dawn il-Qrati jidher li l-attrici kienet qed tghix ma' certu Savoiur Balzan, li mieghu l-istess attrici kellha relazzjoni u tarbija ohra, u wara li z-zwieg taghha mal-konvenut gie annullat, izzewget lill-istess Saviour Balzan, u l-minuri wlied il-konvenut kienu gja' bdew jghajtu lill-istess ragel ta' ommhom bhala missierhom, filwaqt li jirreferu ghal-konvenut bhala Frans. Dan gja' gie ndikat mill-istess Qorti tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, u fil-fatt l-istess minuri baqghu jigu nkoraggiti mill-omm sabiex jibqghu jaghmlu dan tul dawn il-proceduri kollha, kif din il-Qorti setghet tikkonstata anke personalment meta l-istess minuri ghamlu dan b'emfasi meta huma kellhom inkontru maghhom.

Illi fis-27 ta' Ottubru 2000 l-attrici pprezentat rikors iehor fejn talbet li s-*social worker* Marthese Fsadni tkompli ssegwi hija lill-minuri minflok persuna ohra bl-isem Charmaine. Gie esebiet rapport tal-psikologista Bernard Caruana datat 5 ta' Ottubru 2000, rapport *ex parte* li gie inkarigat fil-fatt mill-attrici sabiex jezamina lill-minuri

ghaliex skond huwa l-attrici allegat li t-tfal kienu qed jigu trawmattizzati meta jkollhom jiltaqghu ma’ missierhom.

Illi huwa nteressanti li jinghad li f’dawn it-tip ta’ kazijiet it-tfal isibuha normalment difficli sabiex jaccettaw persuna ohra bhala sostitut tal-genitur taghhom, u dan specjalment f’kazijiet ta’ separazzjoni, divorzju u anke mewt ta’ xi genitur. Ovvjament huwa difficli ghat-tfal li jaccettaw zewg missirijiet jew zewg ommijiet. F’dan il-kaz sar bil-maqlub ghaliex it-tfal accettaw lill-*partner* il-gdid ta’ ommhom (Saviour Balzan) u rrigettaw lil missierhom proprju (fol. 94).

Illi ma hemm l-ebda dubju fl-opinjoni tal-Qorti li dan huwa l-kawza principali tal-problema odjerna, fejn jidher li l-attrici bil-kollaborazzjoni tas-sieheb taghha ghamlet minn kollox sabiex l-istess tfal ihossuhom komdi mas-sieheb il-gdid taghha, li llum sahansitra zzewwigha, mill-liema zwieg kellhom ukoll wild iehor li qed jitrabba u jghix ma’ l-istess ulied il-konvenut. Dan fih innifsu ma huwiex hazin, izda l-istess attrici hadet dan ghall-estrem, ghaliex dan ir-ragel gie prezentat lit-tfal bhala l-figura ta’ missier, filwaqt li l-konvenut missierhom proprju, inghata l-genb. B’konsegwenza ta’ dan it-tfal stess b’enfasi jirreferu ghal missierhom naturali bhala Frans. F’dan il-kuntest, huwa ovvju li l-istess ulied juru reluttanza sabiex jaraw lill-konvenut, *stante* li l-istess konvenut gie pprezentat lilhom bhala *“bniedem estranju ghall-familja taghhom”.* Din certament hija l-istampa kif giet impingija lilhom minn ommhom u naturalment mill-istess Saviour Balzan.

Illi mhux hekk biss izda mir-rapport ta’ l-istess *clinical psycologist* jidher car li saru akkuzi mill-istess tfal dwar allegat glied li kien qed isir meta l-attrici kienet ghadha tghix mal-konvenut. Pero’ din il-Qorti tinnota li waqt li t-tifla kellha biss hames snin meta suppost gara dan, it-tifel kellu biss tliet snin. Dan is-sentiment tat-tfal gie mqabbel ma’ l-attitudini u l-allegat komportament tat-tfal mas-sieheb, illum ir-ragel ta’ l-attrici, li f’ghajnejn it-tfal jaghmel kollox tajjeb, u ovvjament fl-optika tat-tfal, u in verita’ ta’ kull persuna, meta taghmel dan l-ezercizzju huwa ovvju li tfal jaghzlu dejjem lill-persuna ma’ min ikunu qed jghixu,

ma' min ommhom li tant ghandha nfluwenza fuqhom ghandha relazzjoni tajba, u li dejjem gie pprezentat minnha bhala missierhom. Tali ezercizzju fil-kaz in partikolari qatt ma seta' jservi sabiex jiffacilita l-access tal-minuri ma' missierhom proprja; anzi bil-kontra. Fil-fatt hekk gie wzat mill-attrici, sabiex jinholoq ostakolu ghall-istess ulied li jaraw lil missierhom, ghaliex il-konvenut gie pprezentat lill-istess ulied, bhala l-persuna li qed tittenta tfixkel il-*bond* ta' familja li l-istess minuri jghidu li ghandhom ma' l-attrici u l-istess Savour Balzan. In verita' din il-Qorti bhal Qrati ta' qabilha, thoss li l-minuri gew impoggija mill-omm f'sitwazzjoni mpossibbli u kiefra ghalihom, fejn kontinwament gew indotrinati sabiex jichdu lil missierhom, u l-Qorti thoss li l-hsara li saret lill-istess ulied hija kbira u kbira sew.

Illi dan huwa rifless anke mill-istess rapport fejn l-istess espert imqabbad mill-attrici jghid *"The children are very angry towards their natural father. They are angry for the way he treated the mother, and also for not letting them enjoy their new family life. They percievi the meetings with their natural father as an imposition, as a restriction of their freedom, and as disrupting their happy normal family routine. Instead of staying at home playing etc. or going out with their family members, they have to go and visit their father at the Centru Hidma Socjali, a visit which they strongly resist.*

*The children seem to be happy in the tranquility of their newly found family life, and they are afraid that their natural father may take them with him and all their happy moments will be shattered. They are afraid that their father will deprive them from enjoying their newly found family life. They yearn for the security of their family home and of their new family life, which they do not want to disturb in the least."*

Illi ma hemm l-ebda dubju f'ghajnejn il-Qorti, u dan anke a bazi ta' xhud espert li gie prodott mill-attrici stess, li dan gie mitmugh kollu lit-tfal mill-attrici, u f'dan l-aspett sabet il-kolloborazzjoni ta' missierha, l-mara ta' missierha, u llum ir-ragel taghha Saviour Balzan – li kollha huma nies li l-

istess tfal jafdaw b'ghajnejhom maghluqa ghaliex dejjem kellhom kuntatt maghhom. Ma hemm l-ebda dubju li l-istess attrici ghamlet minn kollox sabiex tinfluwenza hazin lill-istess tfal fil-konfront ta' missierhom u prova cara ta' dan hija prodotta fl-istess rapport. Fil-fatt kliem it-tfal huwa xejn hlief dak li ntqal lilhom minn ommhom, specjalment dwar l-akkuzi li saru fil-konfont tal-konvenut. Fil-fatt fl-istess rapport jinghad li:-

*"Another contributing factor was that in the meantime both Jessica and Shaun became more aware of the pain their mother went through in her previous relationship with their natural father. The children told me that they became so angry towards their father* ***after getting to know what he used to do to their mother. When cornered, the children said that their mother told them how much she suffered during her first marriage…………………………………..*"** Sabiex wiehed jifhem xi stampa pingiet l-attrici lil uliedha wiehed jrid jaqra dan ir-rapport kollu, u minn hemm wiehed jinduna sa fejn l-attrici kienet kapaci tasal sabiex tilhaq l-iskop taghha li timpedixxi lill-istess minuri milli jaraw lil missierhom. Dan kollu kien qed isir waqt li l-proceduri fil-Qorti ghall-access tal-missier kienu ghadhom pendenti, u waqt li l-attrici kienet qed tghid (u ghadha qed tghid) li hija ma ghandhiex oggezzjoni ghall-istess access.

Illi punt iehor relavanti huwa l-fatt li minkejja dawn l-akkuzi kollha min-naha ta' l-attrici fil-konfront tal-konvenut, din il-kawza u l-proceduri tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili saru mhux fil-kuntest ta' kawza ta' separazzjoni, izda fi-kuntest ta' ftehim bonarju ta' separazzjoni, tant li fil-fatt l-istess attrici u l-konvenut kienu waslu ghall-separazzjoni bonarja. Fil-fatt gie ffirmat kuntratt bejn il-partijiet fejn anke qablu dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, u fuq access mit-tfal ghal missierhom. Dan sar bil-kunsens ta' l-omm, u bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Certament li kieku tali access kien anke f'ghajnejn l-omm ta' hsara ghall-minuri, u kieku vera l-allegazzjonijiet li hija vantat fil-konfront tal-konvenut, certament li ma kenitx tkun hija stess li taqbel dwar l-istess access minn jeddha. Dan l-espert inkarigat mill-attrici lanqas biss ikkonsidrah. Lanqas ikkonsidra li dan l-inkwiet kollu sehh biss wara li f'Ottubru 1996 l-istess attrici

waqqfet unilateralment l-access ta' l-ulied ghall-missier, u dan bla ma resqet il-Qorti sabiex taghmel dan. Fil-fatt il-Qorti hadet konjizzjoni tal-kaz permezz tas-Sekond' Awla b'rikors tal-konvenut datat 16 ta' Jannar 1997. Jidher ukoll li l-istess rapport, bhal fil-kazi kollha ta' rapport *ex parte,* ma jiehux in konsiderazzjoni l-*punto di vista* tal-konvenut, il-missier ta' l-istess tfal, u din il-mankanza, bhal ohrajn hija serjissima, ghaliex ir-rapport jipprezenta rapport mhux biss *ex parte* izda ntenzjonat li jkun *ex parte,* u jipprezenta l-kaz biss mill-optika u bl-iskop li jghin it-tezi attrici li kkommissjonat l-istess rapport. Dan huwa aktar serju meta tikkonsidra li dan ir-rapport kien intiz sabiex jattakka digriet tal-Qorti tas-Sekond' Awla, li ghamlet dan b'kawtela kbira, minkejja l-isfida ta' l-attrici, u dejjem fl-interess tal-minuri.

Illi sadinittant l-access ghall-minuri gie ristrett b'ordni tal-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo ghal darba fil-gimgha ghall-perjodu ta' siegha fic-Centru Hidma Socjali b'digriet datat 6 ta' Ottubru 2000 a fol. 61 tal-process. B'digriet iehor datat 17 ta' Ottubru 2000 l-istess Qorti nnominat lil Dr. Louise Xerri bhala esperta psikologa sabiex tezamina l-kaz (fol. 70). Dan gie segwit b'digriet iehor datat 9 ta' Jannar 2001 fejn dan l-access gie mwaqqaf (fol. 111) sakemm jigi ezaminat ir-rapport ta' l-esperta nominata.

Illi l-istess rapport gie mahluf fit-**2 ta' Frar 2001** (fol. 113 u fil-116) u l-Qorti diversament presjeduta stess kellmet lit-tfal fis-sigrieta, u l-partijiet irremettew ruhhom ghar-rapport. F'dan ir-rapport jirrizulta li l-attrici kienet tahdem ghal zmien ta' ghaxar (10) snin bhala deputat registratur fil-Qorti Kriminali, u ghall-ahhar seba' snin qabel ma sar ir-rapport tat-28 ta' Dicembru 2000 hija ***tmexxi playgroup ghat-tfal bejn is-sena (1) u tlett (3) snin).*** Kellha hamsa u ghoxrin (25) tifel u tifla f'din l-iskola. It-tfal kienu jittiehdu ghall-access minn missieha u kienu jdumu biss ghaxar minuti ma' missierhom. It-tfal jibqghu fi-karozza. Hija zzewget civilment lil Saviour Balzan fil-15 ta' Marzu 2000, u z-zwieg bil-knisja sar fit-30 ta' Ottubru 2000. Huma kellhom tarbija li fid-data tar-relazzjoni kellha tliet snin, li jfisser li r-relazzjoni ma' zewga kienet ilha ghaddejja mill-

1997, li jahbat b'kumbinazzjoni bejn wiehed u iehor meta beda l-inkwiet dwar l-access tal-konvenut ma' wliedu. Il-konvenut ghandu relazzjoni ma' Sandra Schembri li ghandha zewgt itfal miz-zwieg taghha, u z-zwieg tieghu ma' l-attrici kien annullat, l-ewwel civilment (u wara anke gab l-annullament tal-knisja peress li jirrizulta li l-attrici zzewget lil Saviour Balzan bir-rit religjuz). Fil-fatt jghid li sas-sena 1996 ma kienx hemm problemi, tant li l-ewwel rikors tieghu sar fis-sena 1997, kif *di piu'* gie aktar 'il fuq ezaminat, u kif dan jigi accertat mill-atti tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili. Il-minuri gew inkoraggiti mill-istess esperta sabiex jaraw lill-missierhom almenu darbtejn fix-xahar.

Illi dwar il-minuri l-istess esperta sostniet li kellhom antagomizmu kbir lejn il-konvenut. Kienu jsejhuhu Frans, ghax ghalihom missierhom issa huwa Saviour Balzan, ghax missierhom proprju abbandunhom, u issa li ghandhom hajja stabbli ma jixtiequx li din tispicca. Fil-fatt ihossu t-tentattivi ta' missierhom biex jerga' jibni kuntatt bhala *"theddida kbira ghas-sigurta' li huma qed igawdu f'hajjithom".* Jidher li l-esperta fehmet lit-tfal il-pozizzjoni attwali b'pacenzja kbira u b'mod mill-aktar kawt, konxja tas-sensittivita' tal-problema u tal-hsara li kienet saret fuqhom, u hadet in konsiderazzjoni anke l-ambjenti fejn jghixu l-genituri u wkoll l-fatt li kuntatt normali mal-missier kien ilu wieqaf ghal erba' snin, u cjoe' tul il-pendenza kollha tal-proceduri quddiem il-Qorti. Indikat li l-*bonding* mal-missier intilef, li forsi t-tfal qed jibzghu jistabbilixxu l-istess peress li jekk jaghmlu dan *"ma jkunux leali lejn ommhom".* L-esperta nfasizzat li huwa ta' mportanza li l-minuri jzommu kuntatt ma' missierhom u li l-ulied ma jintuzawx bhala arma miz-zewg nahat. Il-minuri wrew ix-xewqa li jzommu kuntatt ma' missierhom darba fix-xahar biss, u li l-access isir b'supervizjoni fic-Centru Hidma Socjali. L-esperta ssuggeriet li ghad baqa' hafna xoghol x'isir u l-minuri ghandu jkollhom *sessions* ma' psikologoku jew *social worker* dwar l-importanza li jinzamm kuntatt mal-konvenut, u x-xewqa tal-minuri ghandha tigi kkonsidrata dwar il-frekwenza ta' access.

Illi fit-2 ta’ Mejju 2001 din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tat id-digriet taghha fuq ir-rikors ta’ l-attrici datat 20 ta’ Gunju 2000 fejn innutat li l-minuri ghandhom riluttanza kbira biex ikollhom access ghal missierhom. *“Dan jirrizulta bhala fatt kif pero’ jirrizulta wkoll bhala fatt illi l-attrici ma hijiex bla htija fir-rigward ta’ din l-attitudini li ghandhom it-tfal fil-konfront ta’ missierhom. Il-Qorti thoss li f’dan l-istadju ghandha taghmel parentesi zghira pero’ ta’ mportanza kbira fl-interess tal-minuri. Il-konvenut huwa u jibqa' l-missier naturali u bijologiku tal-minuri in kwistjoni u l-ebda ntegrazzjoni fil-familja gdida ta’ l-attrici ma hija sejra tbiddel dan il-fatt. Di piu’ l-attrici trid tuza l-kontroll kollu biex, u dana fl-interess tat-tfal taghha stess, ma tuzax it-tfal biex tpattiha lill-konvenut tal-weggha li hija thoss mit-trattament taghha minnu. Dawn l-osservazzjonijiet iwasslu lill-Qorti fl-istess waqt li taccetta r-rakkomandazzjonijiet ta’ l-espert minnha mqabbda biex tassigura illi jsir dak kollu possibbli biex terga’ tinbena relazzjoni utili u normali bejn il-missier u l-minuri.*

*F’dan l-aspett ghalhekk hija lesta li tilqa’ t-talba u tissospendi l-effetti tad-digriet tas-Sekond’ Awla fuq citat u tordna li l-access jigi ezercitat darba biss fix-xahar taht supervizjoni fic-centru Hidma Socjali u dana sabiex jigu rispettati x-xewqat tal-minuri u biex forsi il-laqghat ikunu aktar pozittivi. Id-Direttur ta’ l-istess Centru pero’ ghandu anke tramite agenziji ohra tal-Gvern, jassiguraw illi apparti dan l-access ghandhom jinzammu sessions mal-minuri ta’ l-anqas darba fix-xahar biex kif qalet l-espert tal-Qorti “huma jigu sensittizati gradwalment ghall-idea u l-importanza li jinzamm kuntatt mal-konvenut” u dana bl-idea illi l-access jizdied ukoll gradwalment”.* (fol. 157).

Illi jidher pero’ li mill-ewwel l-istess attrici sabet intopp dwar dawn l-arrangamenti godda kif jidher car min-nota pprezentata mid-difensur taghha Dr. Edwina Grima datata 11 ta’ Gunju 2001, fejn marret ghall-access Marlene Lanzon, il-mara ta’ missierha u nqala’ dizgiwd mill-ewwel mas-*social worker.* Fis-seduta tal-14 ta’ Gunju 2001 gie verbalizzat quddiem din il-Qorti diversament presjeduta li *“hemm diffikultajiet sabiex dan jigi attwat”* – b’riferenza

ghad-digriet moghti fit-2 ta’ Mejju 2001. (fol. 166). B’nota datata 22 ta’ Gunju 2001 jirrizulta li l-konvenut kien ilu ma jara lil uliedu mit-22 ta’ Gunju 2001. B’nota datata 22 ta’ Gunju 2001 is-*social worker* Ruth Sciberras spjegat dak li din il-Qorti tista’ jsejjah biss bhala ostakoli mahluqa mill-attrici sabiex l-access mal-missier kif ordnat mill-Qorti ma jsirx kif ordnat. Fil-fatt lanqas riedet tacetta li tiffirma l-kundizzjonijiet ta’ l-access, filwaqt li Marlene Lanzon opponiet ghal kull haga li ssugerietilha l-istess *social worker* u dwar dan l-incident hemm rapport shih a fol. 170 sa 172 tal-process, li din il-Qorti tirreferi ghalih u tikkundannah, meta sar quddiem l-istess tfal. Dan juri wkoll li l-istess tfal kienu qed jigu anke hemm inkoraggiti mill-attrici u mill-familjari taghha sabiex l-access tal-missier, ristrett kif kien, lanqas ikun wiehed normali.

Illi tajjeb li din il-Qorti tirreferi ghall-istess konkluzjonijiet ta’ l-imsemmija Ruth Sciberras datati 22 ta’ Gunju 2001 (fol. 170), li juru li l-istess attrici kienet u baqghet konsistenti fl-istess atteggjament negattiv lejn kwazi kull persuna li ppruvat tobdi l-ordnijiet tal-Qorti dwar l-access anke jekk limitat tal-minuri ghall-konvenut.

*“Illi ghalhekk it-Taqsima ghall-Access b’Supervizjoni thoss li Sharon Balzan qieghda kif dejjem ghamlet fil-passat tostakula li jigi esegwit id-digriet tal-Qorti billi tippretendi li l-access tal-minuri Jessica u Shaun mal-missier Frans Attard isir kif trid u mhux kif suppost isir.*

*Illi tant huwa hekk li Sharon Balzan qalet lil Ruth Sciberras li terapija mat-tfal Jessica u Shaun mhux se tahdem ghaliex s-supervisor halliet effett negattiv fuqhom. Ruth Sciberras fehmet lil Sharon Balzan li terapija ssir minn persuna ohra li maghzula mid-Direttur tal-Harsien tal-Familja.*

*Illi t-Taqsima ghall-Access b’Supervizjoni jiddispjaciha ghal din l-attitudini ta’ Sharon Balzan meta supervisors tant jiehdu pacenzja bit-tfal f’kazi bhal dawn izda hija cara li Sharon Balzan ma tridx li Frans Attard jkun parti mill-hajja tal-minuri u ghalhekk tostakola u tehodha kontra minn jipprova jibda dan l-access.*

*Illi ghalhekk it-Taqsima thoss li jekk mhux ser jkun hemm ko-operazzjoni min-naha ta' l-omm, ma tistax tiehu responsabbilta' jekk id-digriet tal-Qorti ma jigix esegwit kif jidhrilha din l-Onorabbli Qorti".*

Illi sar rikors iehor mill-konvenut datat 20 ta' Frar 2002 (fol. 176) fejn il-konvenut ilmenta li kien ilu ma jara lill-minuri mit-2 ta' Mejju 2001, data ta' l-ahhar digriet tal-Qorti. Rat ir-risposta ta' l-attrici datata 26 ta' Marzu 2002 fol. 179 fejn cahdet dak kollu li allega l-konvenut. Rat id-digriet ta' din il-Qorti hekk kif illum presjeduta datata 28 ta' Marzu 2002. Rat ir-rapport ta' Norbert Cilia datat 16 ta' April 2002 fejn l-istess *social worker* spjega fid-dettal ir-riluttanza tal-minuri li jaraw lil missierhom, li l-access ma jdumx aktar minn hamsa u ghoxrin (25) minuta, qal li l-access ma jghinx u ssuggerixxa li l-missier u l-minuri jiltaqghu f'ambjent terapewtiku sabiex ikunu jistghu jitnaddfu mill-emozzjonijiet ta' rabja u frustrazzjoni illi l-ulied ihossu lejn missierhom. Rat in-nota tal-konvenut datata 30 ta' April 2002 fejn ghamel riassunt tal-pendenza kollha.

Illi b'digriet data 26 ta' Awissu 2002 giet nominata Dr. Roberta Attard sabiex tirrelata *inter alia* kif il-minuri jistghu jigu re-integrati sabiex ikollhom access normali ma' missierhom, u l-inkarigu taghha ma setax jibda mill-ewwel ghaliex l-attrici kienet imsiefra mit-12 ta' Awissu 2002 sat-22 ta' Awissu 2002. Mill-istess rapport u mill-laqghat li l-istess esperta kellha ma' l-attrici jidher car li l-istess attrici, ghal darba ohra qed topponi ghal kull access tal-minuri mal-missier. Din il-Qorti tirreferi ghal dak kollu li qalet l-attrici lill-istess esperta a fol. 230, 231 u 232 tar-rapport. Jidher ukoll mill-kuntatt li l-istess esperta tas-*social workers* li l-access ma kienx qed jirnexxi specjalment meta dan isir fil-prezenza ta' l-omm jew familjari taghha, u t-tfal dejjem f'dawn ic-cirkostanzi jirrifjutaw li jkellmu lil missierhom. L-istess esperta tkellmet mal-minuri u dawn kienu konsistenti fix-xewqa taghhom li ma jarawx lil missier. Jidher li l-istess tfal jaqblu kwazi f'kollox ma' dak li tghid ommhom, tant li Jessica Attard anke rrepetiet dak li qalet ommha dwar rapport li kellu jigi pprezentat minn Dr. Monica Xuereb, li skond hija ma thallasx minn

missierha, ghaliex ir-rapport kien kontrih! (fol. 233). Il-Qorti stiednet lill-partijiet u partikolarment lill-attrici sabiex jaraw b'liema mod it-tifla qed targumenta, u li wara diversi sezzjonijiet l-istess minuri qalet li riedet tkellem lill-Imhallef. Illi din il-Qorti tirreferi ghall-istess rapport fejn l-istess esperta ssuggeriet li jsiru sezzjonijiet ta' *family therapy* u l-access jigi regolat minn psikologu, u li l-Qorti tkellem lit-tfal. L-access kif kien gie suggerit li jieqaf sakemm issir din is-sezzjoni ta' *family therapy*. Fil-fatt din il-Qorti ltaqghet mal-minuri fil-11 ta' Dicembru 2002.

Illi in eskussjoni l-istess esperta sostniet li l-minuri jiddejqu li jiltaqghu ma' missierhom, ghax jghidu li jibzghu minnu ghalkemm kienu zghar wisq meta kienu mieghu sabiex ikollhom memorja ta' dawn l-inkontri. Mistoqija mill-Qorti x-xhud qalet li t-tfal kienu qed jirrepetu affarijiet li semghu u certament dan kien min kellu kuntatt maghhom. Ikkonfermat li t-tfal kienu qed jigu manipolati tant li l-istess tfal ikkummentawla *"tahsibx li issa ha naraw lil missierna taf, billi qed taghmel rapport".* It-tfal kienu jafu ghaliex marru ghand l-esperta. Issuggeriet li jsir *family therapy* ma' Dr. Angela Abela. Issuggeriet li l-access preferibbilment ma jsirx f'xi agenzija izda *supervised.* Dwar l-abbuz sesswali allegat mit-tfal ma kien hemm ebda prova, lanqas li l-istess konvenut kien perikoluz ghat-tfal.

Illi l-istess Dr. Roberta Attard qalet fis-seduta in eskussjoni tat-30 ta' Jannar 2003 li hemm bzonn li dan il-kuntatt mal-missier ma jinqatax ghaliex altrimenti l-istess ulied qatt ma jistghu jkunu komdi fil-prezenza tieghu, regghet issuggeriet terapija u dan jghin sabiex il-minuri jkollhom ghazla x'ghandhom jaghmlu bbazat fuq ir-realta' (fol. 337). Issuggeriet li l-access ikun f'post addattat ghat-tfal b'supervizjoni bhal *McDonald's* etc. L-istess esperta sostniet li t-tfal huma kapaci hafna u kapaci li jekk ikollhom l-ghajnuna jaddattaw ghas-sitwazzjoni.

Illi din il-Qorti rat l-affidavit ta' l-attrici datat 19 ta' Novembru 2002 fejn ghamlet diversi allegazzjonijiet fil-konfront tal-konvenut kemm ghal dak li sar waqt l-eghrusija u kemm waqt iz-zwieg. Pero' ma spjegatx kif minkejja dan kollu minnha allegat accettat bla tfixkil ta'

xejn li l-istess konvenut ikollu access ghall-istess minuri fil-kuntratt ta' separazzjoni maghmul volontarjament minnha. Issemmi li t-tfal ma riedux immorru ma' missierhom ghaliex huwa kien qed ikun ma' mara ohra. Dan jista' jkun ukoll pero' xorta jibqa' l-fatt li l-attrici stess kellha relazzjoni ma' ragel iehor, tarbija minnu u llum mizzewga lilu, u li dan Saviour Balzan, huwa identifikat mill-minuri bhala l-*papa' taghhom.* Fil-fatt mix-xhieda ta' l-istess Saviour Balzan datata 19 ta' Novembru 2002 (fol. 307) dan jghid li ilu jaf lill-attrici sitt snin, u dan jigi l-perjodu meta' l-attrici waqqfet l-access tal-minuri ma' missierhom fin-1996. Spjegat li t-tfal ma jridux jaraw lil missierhom, u jidher li l-manteniment ghat-tfal jithallas mill-konvenut ghalkemm ilmentat fuq l-*cost of living increase.* Spjegat li ma ghandhiex oggezzjoni li l-istess tfal jaraw lil missierhom pero' preokkupata li l-istess tfal jirreagixxu hazin meta jkunu mieghu. Din il-Qorti tapprezza dan pero' mill-fatti li rrizultaw minn din il-kawza u mid-diversi xhieda prodotti din il-Qorti thoss li l-istess attrici ma tistax titwemmen dwar dan peress li mill-provi jirrizulta li fixklet l-access tal-missier anke kif diversi drabi ffissat mill-Qorti, u minn Imhallfin differenti, u minn *social workers* differenti b'kull mod immaginabbli, anke *tramite* l-familjari taghha, li sahansitra fil-prezenza tat-tfal opponew kemm il-darba ghal mod kif *social workers* kienu ppruvaw izommu l-access. Id-digrieti tal-Qorti ezistenti sa llum, anke minn gudikanti differenti, kollha kienu fl-istess vina li l-attrici, li frott ta' l-influwenza li l-istess atttrici ghandha fuq uliedha, jidher car li l-istess attrici dejjem uzat ostakoli sabiex l-minuri ma jarawx lil missierhom. Mhux hekk biss izda l-lamentela taghha u ta' wliedha kienet persistement li l-istess access ghandu jigi mitmum.

Illi din il-Qorti thoss li l-istess attrici laghbet loghba perikoluza hafna bit-tfal taghha stess, u dan billi aljenat kontinwament u konsistentement lill-istess minuri minn missierhom stess.  Dan huwa aktar serju meta jidher li dan beda jsir wara li s-separazzjoni ta' bejnha u l-konvenut kienet gja' sehhet bi ftehim b'kuntratt. Jidher li ghal xi zmien wara l-istess separazzjoni l-kuntatt mal-missier kien wiehed sew, u dan jixhduh ir-ritratti esebiti fejn it-tfal jidhru ferhanin u komdi mal-missier waqt l-istess

access. Sahanistra hemm ritratt fejn l-istess ulied qeghdin fil-prezenza tas-siehba odjerna tal-konvenut. Izda jidher li l-istess attrici kellha hija wkoll wara din is-separazzjoni relazzjoni ohra u harget tqila minn din ir-relazzjoni ma' dak li llum huwa zewgha u hawn beda l-inkwiet fl-access, fejn jidher li unilateralment dan waqaf fl-1996, u mill-1997 'l hawn l-attitudini taghha baqghet konsistenti li ghalkemm tghid li ma topponix ghall-access mal-konvenut tat-tfal, il-verita' hija li qed taghmel u ghamlet dak kollu possibbli sabiex dan ma jsehhx, minkejja d-digrieti kollha tal-Qorti, inkluz tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, li fid-digriet taghha qalet b'mod mill-aktar car li l-attrici ostakolat id-digrieti taghha. Mhux hekk biss izda l-istess attrici, imponiet fuq uliedha, l-ideja ferma li huma ghandhom jittrattaw lil Saviour Balzan bhala missierhom, u hekk fil-fatt it-tfal jaghmlu, u fil-kuntatt li din il-Qorti kellha mat-tfal, huma mill-ewwel ghamlu dan f'certu emfasi, b'mod li t-tifla, ghamlitha cara li huma familja wahda ghandhom, Saviour Balzan bhala missier, l-attrici bhala omm, huha li kien prezenti, u bint ommhom. It-tifel segwa u qatt attent li jsegwi lil ohtu.

Illi din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li t-tfal kienu ppreparati x'ser jghidu u riedu juru lill-Qorti, u fil-fatt hekk urew, li huma kienu lesti li jghidu dan, u in verita' mhux hafna izjed. Ovvjament din is-sitwazzjoni kienet ilha ezistenti mill-bidu nett meta l-kaz kien qed jigi trattat aktar minn seba' snin ilu quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili. Lill-konvenut jirreferu ghalih b'emfasi bhala *"Frans"*, haga li din il-Qorti thoss, superjuri ghall-eta' taghhom, partikolarment it-tifel. Dehru wkoll li dan jaghmluh b'sodisfazzjon, anzi enfasizzaw bil-mod kif jirrepetu l-istess isem, li b'hekk huma ser jiltaqghu ma' ragel li verament ma jikkonsidrawhx bhala missierhom. Anzi kif jidher sew minn diversi rapporti prezentati u li din il-Qorti gja' accennat ghalihom, anke mir-rapport ta' l-espert imqabbad *ex parte* mill-istess attrici, huma jikkonsidraw li l-istess access ferm limitat ta' darba fix-xahar, (in verita' ghal ftit minuti biss), bhala ntruzjoni fil-hajja tal-familja taghhom, liema familja li huma jikkonsidraw li hija komposta mill-attrici, ir-ragel taghha, u bint l-attrici.

Illi jekk wiehed jahseb dwar dan din hija sitwazzjoni allarmanti hafna peress li bhala fatt qatt ma kien hemm perikolu jew accenn f'din il-kawza li l-istess minuri kienu xi darba qed jigu mitluba sabiex imorru joqoghdu mal-missier. Anzi l-access mal-missier tul il-proceduri kollha dejjem sar ghal ftit minuti fil-prezenza ta' *social worker,* u anke jekk mhux ordnat mill-Qorti, fil-prezenza ta' l-attrici jew familjari taghha, inkluz missierha u l-mara ta' missierha, li kollha kellhom diffikultajiet mas-*social workers* ta' kull agenzija mqabbda mill-Qorti. Ovvjament allura jirrizulta li in verita' u allura l-konvenut bl-access tieghu kif regolat qatt ma kien ta' perikolu ghall-istess bizghat espressi mill-minuri, li dan seta' fixkel dak li huma jikkonsidraw bhala familja taghhom. Fil-fatt il-konvenut ghalkemm insista ghall-access denju ta' missier u ta' wlied, qatt ma nsista ghall-access aktar minn dak patwit mal-attrici fil-kuntratt ta' separazzjoni. anzi fil-mori tal-proceduri l-access li baqa' jinsisti fuqu kien anqas minn dak patwit, konxju ovvjament fid-diffikoltajiet kollha li l-access b'supervizjoni holoq biex jigi attwat.

Illi dan l-atteggjament tat-tfal huwa hafna aktar preokkupanti meta ritratti ta' kif kien issir l-access qabel ma saru l-proceduri quddiem din il-Qorti u in vista tal-ftehim bejn il-partijiet juru b'mod car li l-istess ulied kienu ferhanin mal-missier u l-Qorti hawn tirreferi ghar-ritratti mmarkati Dok. “FA 1” sa “FA 15” flimkien ma' *father's day card* esebiti mill-konvenut b'nota tat-2 ta' Frar 2001 a fol. 151 tal-process. Li gara zgur kawza tal-fatt li l-attrici waqqfet l-access ghall-istess minuri fl-1996 u hekk baqghet is-sitwazzjoni mid-data ta' meta nfethu l-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sa llum quddiem din il-Qorti, u dan il-bdil radikali fl-atteggjament tal-minuri jista' jkun biss attribwit lill-persuni li effettivament kellhom il-kura tal-istess minuri, u ma' min l-istess minuri kellhom kuntatt, u cjoe' principarjament l-omm, dak li llum huwa r-ragel taghha, missier l-attrici, u l-mara ta' missiera, li sa certu punt sfortunatament kif wiehed jistenna fil-hajja ta' llum, konxjentozament jew inkonxjentozament, ghenu sabiex l-istess tfal ikollhom din l-avverzjoni ghal missierhom naturali, li huwa verament vittma f'din il-kawza.

Illi pero' l-akbar vittma huma t-tfal, u l-hsara li saritilhom sa llum hija enormi, u f'dan il-kuntest din il-Qorti ma tistax hlief tippunta lejn l-omm, u cjoe' l-attrici, li fit-tfal ghamlet minn kollox mhux biss sabiex persuna ohra tigi meqjusa bhala missier l-istess ulied, mhux biss li f'ghajnejn it-tfal hija ghamlet minn kollox sabiex l-missier naturali jigi kkunsidrat bhala estraneu. Fuq kollox dahhlet f'mohh it-tfal li l-missier biologiku tat-tfal abbandunahom, u tant kien estrem dan, anke bl-istampi negattivi li l-omm pingiet lit-tfal dwar il-konvenut, (ara biss ir-rapport ta' l-espert imqabbad mill-attrici stess dwar allegati abbuzi fil-konfront taghha (li ma jirrizultawx f'dawn l-atti), li minkejja li t-tfal illum jafu li l-istess missierhom qed jiggieled dawn il-proceduri proprju sabiex huwa jarahom u jistabbilixxi relazzjoni maghhom, li twaqqfet biss mill-attrici, huma xorta huma konvinti li missierhom abbandunahom, u mhux biss izda li l-konvenut ma jixraqlux f'ghajnejhom li jissejjah minnhom bhala missier. Dwar din is-sitwazzjoni u sensazzjoni tat-tfal, Dr. Roberta Attard ikkumentat fil-fatt li *"aktar 'il quddiem it-tfal ikollhom problemi relazzjonali ghax l-istatistika hija hekk u r-ricerka hekk turi, jekk huma jahsbu li kellhom missierhom li kien joqboghdhom".* Fil-fatt l-istess tfal qalu lill-espert imqabbad mill-attrici li huma meta jikbru ma jridux jizzewgu.

Illi din il-Qorti tkompli zzid ma' dan u tghid li hawn ghandha sitwazzjoni serja fejn tfal huma konvinti li missierhom telaqhom u hallihom wahedhom – meta l-verita' ma hijiex hekk. Dawn it-tfal qed jikbru u ghad ihossu, kif qed ihossu, li huma gew rigettati minn missierhom stess – u ghada pitghada jistaqsu dwar l-identita' vera taghhom ta' mara u ragel. Dan meta fil-verita' u minn dak li jirrizulta minn din il-kawza ma huwa veru xejn.

Illi huwa veru li l-attrici u l-konvenuta kellhom diffikultajiet fiz-zwieg taghhom, pero' dan qatt ma kellu jaffettwa lit-tfal, aktar u aktar meta l-istess partijiet ftehmu kif jirregolaw is-separazzjoni taghhom b'mod dicenti, kif jidher mill-kuntratt ta' seperazzjoni. Il-messagg ta' din il-Qorti lit-tfal huwa wiehed: "*Gheziez Jessica u Shaun, l-omm hija dejjem*

*ommkom, hobbuha u ghozzuha, pero' missierkom huwa dejjem missierkom ukoll. Minn dak li rat din il-Qorti mill-atti kollha tal-kawza u tal-proceduri quddiem Qorti ohra, mir-rapporti kollha li saru, missierkom, dak li inthom issejjhulu Frans, qatt ma abbandunakom, ghadu sa llum irid jarakom, u din il-Qorti thoss li hija doveruza li tghid, li qatt ma qata' qalbu li jarakom, u ghalhekk jidher u baqa' jidher quddiem il-Qorti, bl-isperanza li din ix-xewqa tieghu ta' missier tinqata', u b'hekk ikollu access maghkom normali kemm jista' jkun. Hadd ma jrid jehodkom milli tghixu mal-mama' taghkom, u l-ebda Qorti, u l-ebda Imhallef ma ghamel dan. Kulhadd baqa' lura sabiex intom tippreparahom ruhkom ma' dan il-fatt, u dan ghaliex kull Qorti qed tfittex li l-interessi taghkom fuq kollox, u l-interess taghkom jibqa' li mhux biss ma taqtghux il-kuntatt ma' missierkom, Frans Attard, izda li dan jigi assodat. Dan il-kuntatt ma' Frans Attard, ma jfissirx li ma' thobbux lill-mama', u anqas u anqas, li qed taghmlu xi haga kontra l-mama', izda jfisser biss li jekk ghandhom mama' li thobbkom, ghandkom missier naturali li jhobbkom ukoll, kif jhobbukom, in-nanniet, u Saviour Balzan."*

Illi hawn il-Qorti ser tirreferi ghax-xhieda ta' Saviour Balzan, li jidher li ghen bis-shih lill-attrici fl-ghan taghha li taqta' l-kuntatt mal-konvenut. Jakkuza lill-konvenut li kellu mohhu aktar fis-siehba tieghu milli ghal uliedu – dan meta huwa kien ghaddej relazzjoni ma' omm l-ulied fil-kawza u anke kellhom tarbija wara. Jidher li dan ix-xhud ma' kellux tfal qabel. Illum ghandu u forsi wiehed tajjeb li kieku l-istess xhud esprima ruhu kieku kellu jpoggi ruhu fis-sitwazzjoni tal-konvenut, li bintu tibda ssejjah persuna ohra, mhux lilu, bhala *papa'.* Dak li jghid li qal lit-tfal li huwa ma huwiex missierhom, izda Frans huwa missierhom, huwa kliem tieghu biss. Jidher li huwa hafna differenti minn kif il-konvenut irrakkonta li agixxa waqt l-ahhar access li l-istess konvenut kellu ma uliedu b'mod li jista' jissejjah normali f'Ottubru 1996, ftit qabel ma waqaf l-access mal-konvenut u nbdew il-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, u hawn il-Qorti tirreferi ghax-xhieda tal-konvenut moghtija fl-affidavit datat 10 ta' Gunju 2003 a fol. 370 tal-process.

Illi mill-kumpless tal-provi, minn kif agixxew il-partijiet genituri f'din il-kawza kemm quddiem il-Qorti u kemm mad-diversi esperti u *social workers* jirrizulta bla ebda dubju li bhala fatt l-istess Saviour Balzan u l-attrici nkoreggew lit-tfal mill-bidu tar-relazzjoni taghhom sabiex huma jindirizzaw lilu bhala *papa'* u l-konsegwenza ta' dan, jghid x'jghid Saviour Balzan, hija biss li l-missier veru tat-tfal jigi aljenat minn uliedu. Dwar dak li qal li t-tfal jafu jaraw ghax illum kibru, huwa preokkupanti ghal din il-Qorti, *stante* li in verita' t-tfal xorbu minn dak li taghtom l-attrici u l-istess Saviour Balzan, u kull gudikant li tratta f'din il-kawza hass sewwa, u l-Qorti ghadha thoss, li ma huwiex facli llum li t-tfal jsiru konxji ta' dak li verament gara – dan kollu dovut ghall-attutudini ta' l-attrici u ta' l-istess xhud – li l-familja taghhom riedu jaghmluha bhala l-familja tat-tfal, fiha nfisha xejn hazin, izda mhux li tuza l-kuncett nobbli ta' familja, sabiex b'intenzjoni u b'malizzja teskludi lill-missier veru ta' l-istess tfal mill-familja. Din il-Qorti taf x'qed tghid, anke fil-poverta' taghha, ghaliex hija missier ukoll u l-ebda missier ma ghandu jigi aljenat minn uliedu, lanqas jekk ma jibqax jghix maghhom, hlief ghar-ragunijiet estremi hafna ta' abbuz fuq il-minuri li f'dan il-kaz ma jirrizultawx almenu min-naha tal-konvenut.

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll ghax-xhieda ta' Fleur Bianco li kienet prezenti ghall-access mal-missier fejn tghid li dan huwa diffikultuz. F'Jannar 2003 irregistrat li waqt l-access l-omm tkun prezenti u li t-tfal dejjem jesigu l-prezenza ta' l-omm. Hija ssuggeriet terapija. Fit-23 ta' April 2003 Carmen Sammut giet nominata sabiex izzomm *family therapy* b'dan li l-access ghall-minuri jkun regolat mill-istess esperta

Illi mir-rapport ta' Carmen Sammut datat 5 ta' Mejju 2003 jirrizulta li l-attrici sa mill-ewwel inkontru li hija kellha ma' l-istess esperta fis-7 ta' Marzu 2003 sostniet li t-terapija hija kollha zejda. It-tfal qalu l-istess haga fl-istess data fejn anke sostnew li ma riedux jitlaqghu ma' missierhom. Fis-sezzjonijiet l-istess tfal urew riluttanza li jiltaqghu kemm mat-terapista kif ukoll mal-missier. Interessanti r-reazzjoni tat-tfal meta kien hemm l-omm prezenti u kif l-omm intervjeniet b'aktar regolarita' tant li spiccat tirrispondi

ghalihom hi. Fil-fatt l-istess esperta qalet fuq l-omm *"li qisha qed titfa' fuq it-tfal dak li huwa taghha"* – fol. 385. Rat l-osservazzjonijiet kollha ta' l-istess esperta fosthom li l-process ta' terapija jieqaf minnufih, u t-tfal jiltqaghu mal-missier darba kull erba' gimghat, bl-access ikun wiehed *supervised* f'post familjari u dan idum xi siegha u nofs, b'dan li ma tkunx prezenti l-omm waqt l-istess visti. Barra minn hekk issuggeriet li l-omm tiehu kors ta' terapija.

Illi fid-dawl ta' dan kollu u wara li din il-Qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet thoss li kif gja' nghad ghandha ticcensura l-atteggjament kontinwament negattiv ta' l-istess attrici fi-konfront tal-Qorti, ta' l-esperti kwazi kollha imqabbda, u ta' l-istess minuri, u hawn din il-Qorti taqbel ma' dak li esprimiet din il-Qorti kif diversament presjeduta, u wkoll mal-Qorti tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili. L-attrici li ghamlet din il-kawza f'isem il-minuri, agixxiet kontinwament kontra l-istess interess tal-minuri sabiex dawn ikollhom sitwazzjoni kemm jista' jkun normali mal-missier veru taghhom. F'dan l-attrici kellha s-*support* kollu ta' dak li llum huwa zewgha, u wkoll tal-familjari taghha. L-aktar li ghamlet hsara – u dan gie stabilit mill-bidu tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla – kien li l-istess attrici, kif bdiet ir-relazzjoni taghha ma' Saviour Balzan, qatghet il-kuntatt tal-minuri mal-konvenut u dan b'mod drastiku, u aljenat lill-minuri b'kull mod mill-konvenut, tant li t-tfal stabbilment jindikaw lil Saviour Balzan bhala l-papa' taghhom, mentri lill-konvenut jirreferu biss ghalih bhala *"Frans"*. Kull terapija li giet uzata fuq it-tfal, fl-interess ta' l-istess tfal, ma setghatx tirnexxi. Dan minkejja li l-esperti li gew nominati ssuggerew diversi modi, izda mill-bidu nett ta' kull process jew access jew ta' terapija, l-attrici dejjem uriet li dan kien kollu ghalxejn, u l-ahjar kien li l-konvenut jaqta' kull kuntatt mal-minuri. It-tfal, qalu dejjem l-istess haga li qalet ommhom u allura t-terapija b'din l-oppozizzjoni kollha ftit jew xejn baqghet tirnexxi. Fil-fatt il-Qorti tista' tghid li bhala linja generali kull meta kien hemm digriet, access, jew xi haga gdida, l-attrici tghid li ser kienet ser issegwiha fl-interess ta' l-istess minuri, izda appena l-ewwel inkontru ma' l-esperti in materja, jew *social workers*, jew hi jew xi hadd mill-familjari taghha

joholqu l-intoppi. Dan sehh kemm-il darba fil-prezenza ta' l-istess tfal.

Illi konsistenement f'din il-kawza l-attrici fis-seduti li kellha anke quddiem din il-Qorti tghid mod u fil-fatt taghmel mod iehor. Dan il-fatt jixhduh id-diversi esperti nominati f'din il-kawza, u jirrizulta wkoll mid-diversi noti, rikorsi u risposti pprezentati mill-istess attrici *tramite* d-difensur taghha Dr. Edwina Grima. Fil-fatt din il-Qorti tistqarr li minkejja li ddedikat hafna hin ghal din il-kawza, bl-isperanza li l-attrici tasal ghal xi forma ta' kunsens li certament kien jghin lill-minuri, dan baqa' ma' wasalx.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li fl-interess tal-minuri l-kura u l-kustodja ta' l-ulied ghandha tkun wahda kongunta bejn l-attrici u l-missier l-istess ulied, b'dan li *tramite* l-Agenzija Appogg u bis-supervizjoni ta' l-istess Agenzija, permezz tas-*social worker* Therese Micallef, l-istess ġenituri ghandhom jikkollaboraw sabiex huma jiehdu d-decizjonijiet kollha mportanti fl-interess ta' l-istess minuri, inkluzi dawk relatati ma' edukazzjoni u sahha, u zvilupp in generali ta' l-istess minuri. Fl-istess waqt iz-zewg genituri ghandu jkollhom access ghall-informazzjoni dwar l-edukazzjoni u s-sahha tal l-istess minuri. Din il-Qorti tordna li kopja ta' dan id-Digriet ghandha tigi notifikata a spejjez attrici lill-Kapijiet ta' l-iskejjel fejn jattendu l-istess tfal, b'dan li l-Agenzija Appogg ghandha b'*monitoring* kontinwu tas-sitwazzjoni tara u tizgura ruhha, li l-omm ma tibqax tinfluwenza negattivament lill-minuri kontra missierhom.

Illi l-attrici ghandha ssegwi wiehed mill-programmi tal-Agenzija Appogg sabiex tghina taccetta din is-sitwazzjoni u sabiex jghinu f'kull diffikulta' li hija manifestament ghandha sabiex thalli lil uliedha f'certu ammont ta' liberta' sabiex l-access mal-missier ma' jigix imfixkel, u dan kif suggerit mill-Esperta Carmen Sammut fir-rapport taghha.

Illi ghandu jkun access b'supervizjoni b'mod li l-access ghandu jsir fil-prezenza tas-*social worker* Fleur Bianco u dan f'postjiet varji u addatti ghat-tfal, li jigu ndikati mill-istess *social worker* ghandha tikkollabora x-xoghol taghha

ma' Therese Micallef ta' l-Agenzija, liema access ghandu jkun ta' bejn siegha u siegha u nofs kull darba. Tali access jista' jsir ukoll fid-dar ta' l-istess konvenut u kull fejn l-istess *social worker* tissugerixxi, fl-assenza ta' l-omm, jew familjari taghha. It-tfal ghandhom jittiehdu u mir-residenza ta' l-attrici mill-konvenut fil-prezenza ta' l-istess *social worker,* u jingiebu lura fl-istess residenza. Hadd ma ghandu jfixkel lill-istess *social worker* fil-qadi taghha ta' dan l-inkarigu, u dan taht sanzjoni ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti. Din il-Qorti tordna lill-partijiet sabiex jinnotifikaw kopja legali ta' dan id-Digriet lill-*Chief Executive Officer* ta' l-Agenzija Appogg, lill-Kummissarju tal-Pulizija, u lis-*social workers* Therese Micallef u Fleur Bianco.

Illi tali access ghandu jkun ta' darba fix-xahar ta' Lulju, ta' darbtejn fix-xhur ta' Awissu, Settembru, Ottubru, Novembru u Dicembru 2004. Mis-sena 2005 l-access ghandu jizdied ghal darba fil-gimgha, u jkun ta' siegha kull darba, u jibqa' sejjer hekk sa Gunju 2005, meta l-istess *social workers* u l-Agenzija Appogg, jekk ma jkunux ghamlu dan qabel, ghandhom jirrikkomandaw jekk l-access taht supervizjoni ghandux jieqaf, b'dan li l-access mal-konvenut jibda jkun wiehed mhux b'supervizjoni, u wkoll jekk l-istess access ghandux jigi normalizzat ghal kif l-attrici kienet qablet dwaru fil-kuntratt ta' separazzjoni. Dan b'mod li l-iskop ta' tali sistema ta' accessi hija ntenzjonata sabiex il-kuntatt tal-minuri ma' missierhom jigi regolarizzat, fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi ovvjament wara Gunju 2005 l-access bhala minimu jibqa' hawn degretat salv ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-esperti hawn nominati fil-kuntest ta' dan id-digriet. Fl-istess kuntest l-Agenzija Appogg ghandha tara li dawn il-provvedimenti ma jigux imfixkla minn hadd, inkluzi l-attrici u l-familjari taghha li xehdu f'din il-kawza, u f'kaz ta' kwalunkwe tfixkil ghandhom jirrapportaw lill-Qorti, lill-Agenzija Appogg, lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Kummissarju tat-Tfal.

Illi din il-Qorti qed tistenna l-koperazzjoni ta' kull parti f'din il-kawza, u cjoe' kemm ta' l-omm u wkoll tal-missier, u

tispera li fl-ahhar il-maturita' u s-sens komun jirbah fl-interess suprem ta' l-istess minuri, u tittama li bl-ghajnuna tal-persuni u agenziji nominati ma jkunx hemm bzonn ta' ordnijiet aktar drastici sabiex jigi protett l-interess tal-minuri.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fic-cirkostanzi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonjiet tal-konvenut biss fis-sens in kwantu l-istess huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt ukoll li **tichad l-ewwel talba** fis-sens biss li din l-Qorti tiddikjara li l-istess digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta' Gunju 2000 kien fl-interess ta' l-istess minuri, kif kienu wkoll d-digrieti kollha ta' din il-Qorti, kemm kif kienet presjeduta u kemm kif attwalment, in vista' tan-nuqqas ta' ko-operazzjoni *da parte* ta' l-attrici *proprio* u addiruttura minhabba l-oppozizzjoni taghha li kawza ta' l-istess u bl-istituzzjoni ta' dawn il-proceduri l-imsemmi digriet ma setax jigi esegwit, (u fil-fatt ma giex esegwit). Ghalhekk, b'sens ta' umilta' izda b'responsabbilta' lejn l-interess suprem tal-istess minuri, u minhabba dak kollu li rrizulta fil-mori ta' din il-kawza, filwaqt li tikkonferma r-rizutanzi kollha ta' l-istess digriet inkluzi l-paragrafi kollha tal-konsiderazzjonijiet ta' l-istess Qorti tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fl-istess digriet tat-13 ta' Gunju 2000, u tikkonferma li f'din il-kawza s-sensazzjoni ta' din il-Qorti hija identika, kif fuq ampjament spjegat, din il-Qorti **tvarja l-istess Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 13 ta' Gunju 2000** f'dak li huwa kura u kustodja u access ghall-istess minuri b'dan il-mod segwenti, u b'hekk tiddosponi miz-zewg talbiet attrici fis-sens li:-

(1) u (2) Tordna u tiddeciedi li fl-interess tal-minuri Jessica u Shaun Attard il-kura u l-kustodja ta' l-istess ulied ghandha tkun wahda kongunta bejn l-attrici u missier l-istess ulied, il-konvenut Frans Attard, b'dan li *tramite* l-Agenzija Appogg u bis-supervizjoni ta' l-istess Agenzija, permezz tas-*social worker* Therese Micallef, l-istess genituri tal-partijiet ghandhom jikkollaboraw sabiex jiehdu d-decizjonijiet kollha mportanti fl-interess ta' l-istess

minuri. Dan inkluzi dawk relatati ma' edukazzjoni, sahha u safar ta' l-istess minuri, u zvilupp in generali ta' l-istess minuri, b'dan li iz-zewg genituri ghandu jkollhom access ghall-informazzjoni dwar l-edukazzjoni u s-sahha ta' wliedhom minuri. Il-Qorti tordna li kopja ta' dan id-digriet tigi notifikata a spejjez attrici lill-Kapijiet ta' l-iskejjel fejn jattendu l-istess tfal, (attwalment Immaculate Conception – Hamrun u St. Francis) b'dan li l-istess Agenzija ghandha b'*monitoring* kontinwu tas-sitwazzjoni tara u tizgura ruhha, li l-omm ma tibqax tinfluwenza negattivament lill-minuri kontra missierhom.

Illi l-attrici ghandha ssegwi wiehed mill-programmi tal-Agenzija Appogg sabiex jghinha taccetta din is-sitwazzjoni u sabiex jghinu f'kull diffikulta' li hija manifestament ghandha sabiex thalli lil uliedha f'certu ammont ta' liberta' sabiex l-access mal-missier ma' jigix imfixkel la minnha personalment u lanqas *tramite* l-familjari taghha, u dan kif suggerit minn Carmen Sammut fir-rapport taghha.

Illi ghandu jkun hemm access b'supervizjoni ta' l-istess konvenut mal-minuri, b'mod li l-access ghandu jsir fil-prezenza tas-*social worker* Fleur Bianco, u dan f'postjiet varji u addattati ghat-tfal. Dawn il-postijiet ghandhom jigu ndikati mill-istess *social worker*, li ghandha tikkordina x-xoghol u l-inkarigu taghha ma' Therese Micallef ta' l-Agenzija Appogg, liema access ghandu jkun ta' bejn siegha u siegha u nofs kull darba, u jista' jsir kemm fid-dar ta' l-istess konvenut jew kull fejn l-istess *social worker* tissuggerixxi. L-access ghandu jsir fl-assenza ta' l-omm, jew familjari taghha, fejn it-tfal ghandhom jittiehdu u jingiebu mir-residenza ta' l-attrici mill-konvenut, dejjem fil-prezenza ta' l-istess *social worker*. Hadd ma ghandu jfixkel lill-istess *social worker* fil-qadi taghha ta' dan l-inkarigu, taht sanzjoni ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti. Din il-Qorti tordna li a spejjez bin-nofs bejn il-partijiet kopja legali ta' dan id-digriet tigi notifikata lic-*Chief Executive Officer* ta' l-Agenzija Appogg, lill-Kummissarju tal-Pulizija, u lis-*social workers* Therese Micallef u Fleur Bianco.

Illi tali access ghandu jkun ta' darba fix-xahar ta' Lulju 2004, darbtejn fix-xahar fix-xhur rispettivi ta' Awissu,

Settembru, Ottubru, Novembru u Dicembru 2004. Mis-sena 2005 u b'effett minnn Jannar 2005 l-access ghandu jizdied ghal darba fil-gimgha fejn ikun ta' siegha kull darba, u jibqa' sejjer hekk sa' Gunju 2005, meta l-istess *social workers* u l-Agenzija Appogg, jekk ma jkunux ghamlu dan qabel, ghandhom jirrikkomandaw jekk l-access taht supervizjoni ghandux jieqaf, b'dan li l-access mal-konvenut ikun wiehed mhux aktar b'supervizjoni, u wkoll jekk l-istess access ghandux jigi normalizzat ghal kif l-attrici kienet qablet dwaru fil-kuntratt ta' separazzjoni. L-iskop ta' tali sistema ta' accessi hija ntenzjonata sabiex il-kuntatt tal-minuri ma' missierhom jigi regolarizzat, fl-interess ta' l-istess minuri. Il-minuri ghandu jkollhom access ma' missierhom ghall-Milied, l-Ewwel tas-Sena, l-Ghid, u Father's Day u gheluq sninhom.

Illi ovvjament wara Gunju 2005 l-access bhala minimu jibqa' kif hawn degretat salv ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-esperti hawn nominati fil-kuntest ta' dan id-digriet. F'dan il-kuntest l-istess Agenzija Appogg ghandha tara li dawn il-provvedimenti ma jigu mfixkla minn hadd, inkluzi l-attrici u l-familjari taghha li xehdu f'din il-kawza, u f'kaz ta' kwalunkwe tfixkil dawn ghandhom jirrapportaw lill-Qorti, lill-Agenzija Appogg, lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Kummissarju tat-Tfal.

Illi din il-Qorti qed tistenna l-koperazzjoni ta' kull parti f'din il-kawza, u cjoe' kemm ta' l-omm u wkoll tal-missier, u tispera li fl-ahhar il-maturita' u s-sens komun jirbah fl-interess suprem ta' l-istess minuri. Il-Qorti tittama li bl-ghajnuna tal-persuni u agenziji nominati li ma jkunx hemm bzonn ta' ordnijiet aktar drastici sabiex jigi protett l-interess tal-minuri.

Illi l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-attrici.

Illi *inoltre* din il-Qorti thoss li l-attrici abbuzat mill-proceduri kollha li saru quddiem din il-Qorti, u anke minn dawk li saru quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, u dan ghar-ragunijiet fuq indikati f'din is-sentenza, inkluz li istitwiet din il-kawza bl-iskop anke li d-digriet tas-Sekond' Awla ma

jigix osservat u sabiex il-kompetenza li kellha l-istess Qorti li kellha l-pendenza quddiemha tigi litteralment stronkata, kif fil-fatt gara, u wkoll minhabba li l-attrici abbuzat fl-agir taghha kemm quddiem din il-Qorti u kemm fil-komportament taghha mad-diversi esperti nominati f'din il-procedura, fejn ghamlet hafna sabiex l-ordnijiet tal-Qorti, u wkoll ix-xoghol ta' l-istess esperti nominati jigi frustrat. Dan sabiex b'mod sistematiku jkun evitat li jigu sewgiti d-digrieti kwazi kollha moghtija minn dawn il-Qrati.  Dan huwa aktar serju meta l-Qorti kkonsidrat biss l-interess tal-minuri, f'dawn il-proceduri llum hekk konkluzi fuq talba taghha stess skond hija ghan-nom ta' l-istess minuri, fejn hija wriet pika esegerata fil-konfront tal-konvenut, b'dannu fl-ahhar mill-ahhar ghall-istess minuri, b'mod li l-attrici dahhlet lill-istess minuri bhala tarka kontra l-konvenut. Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 ta' l-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lill-attrici thallas is-somma ta' tmien mitt lira Maltija  (Lm800) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlas mill-attrici ghandu jsir fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

Illi apparti dan din il-Qorti tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lill-Kummissarju tal-Pulizija (kif aktar 'il fuq indikat) sabiex fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi jittiehdu l-proceduri necessarji kontra l-attrici *proprio* skond il-ligi, wara d-debita nvestigazzjonijiet dwar ksur ta' ordnijiet u digrieti ta' din il-Qorti u tal-Qorti tas-Sekond' Awla dwar l-access tal-minuri hemm ordnat.

Illi din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata a spejjez taz-zewg partijiet ukoll lill-Kummissarju tat-Tfal u lid-Dipartiment u Ministeru ta' l-Edukazzjoni ghall-informazzjoni taghhom u sabiex jirregolaw ruhhom skond il-Ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------